Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 321 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Lorraine Camilleri

Illum 28 ta' Frar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Lorraine Camilleri detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 195469 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita' taghha ta' principal u/jew rapprezentant guridiku tal-entita kummercjali 'NEWARK JUNIOR SCHOOL', b' indirizz registrat St. Francis Street, Sliema, Malta u/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata mill-istess entita kummercjali sabiex thallas il-pagi dovuti, naqset li thallas l-Vaganzi tas-Sajf dovuti ghall-perjodu ta' bejn l-01 ta' Lulju, 2012 u l-21 ta' Settembru, 2012, ammontanti ghal €2,377.81, u naqset li thallas l-Weekly Allowance dovut ghall-perjodu ta' bejn l-1 t' April, 2012 u t-30 ta' Gunju, 2012, ammontanti ghal € 60.58, li b' kollox jammontaw ghal elfejn erbgha mija tmienja u tletin ewro u disgha u tletin centezmu (€2,438.39) inkluzi t-taxxa u l-bolla, liema ammont kien dovut lill-ex impjegata taghha, u cioe' lil Victoria sive Vivienne Meli (ID Numru 316442 M), fit-30 ta' Gunju, 2012.

Ghaldaqstant, il-Qorti giet mitluba bir-rispett tordna lill-imputata, ai termini tal-Artikolu 45 (1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex thallas il-penali skont il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputata, ai termini tal-Artikolu 45 (2) tal- Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex thallas lil Victoria sive Vivienne Meli (ID Numru 316442 M) l-ammont ta' elfejn erbgha mija tmienja u tletin ewro u disgha u tletin centezmu (€2,438.39), inkluzi t-taxxa u l-bolla, ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Lulju, 2017, fejn il-Qorti wara li rat 5, 22, 23, 45, 46 u 47 (2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 6 tal-Ordni tal-Kunsill tal- Pagi ghall-Iskejjel Privati (avvizi Legali 60 tal-1977), sabet lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha, izda bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lil hatja thallas li Victoria sive Vivienne Meli detentrici tal-karta tal-identita numru: 316442 M l-ammont ta' elfejn erbgha mija tmienja u tletin ewro u disgha u tletin centezmu (€2,438.39), u dan fi zmien sena mill-lumm.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Lorraine Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Lulju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma qiesetx id-dizpozizzjonijiet tal-Artikolu 5 (4) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u sabet htija fl-esponenti;
2. Illi l-Ewwel Qorti interpretat hazin l-Ordni Tal-Kunsill Tal-Pagi Ghall-Iskejjel Privati Li Jirregola L-Pagi. Legislazzjoni Sussidjarja 452.47 tal-Ligijiet ta' Malta u sabet htija fl-esponenti;
3. Illi l-Ewwel Qorti interpretat hazin l-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 452 tat-Ligijiet ta' Malta mela sabet htija fl-esponenti;
4. Illi l-Ewwel Qorti interpretat hazin il-ligi dwar "notice" fil-kuntest ta' tmiem ta' impjieg u sabet htija fl-esponenti;

**Dwar l-Ewwel Aggravju – Illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma qiesetx id-dizpozizjonijiet tal-Artikolu 5 (1) tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta u sabet htija fl-esponenti.**

Illi l-esponenti giet akkuzata a tenur tal-Artikolu 5 (4) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi kif gej:

> *Xejn f'dan l-artikolu ma ghandu jkun ta' pregudizzju ghal xi drittijiet li l-partijiet jistghu jkollhom minn xi kuntratt ta' servizz jew xi ftehim kollettiv skont id-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att jew ta' xi ligi ohra, inkluz il-Kodici Civili.*

Illi l-istess Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta f'Artikolu 2 jipprovdi illi:

> *"kuntratt ta' servizz" u "kuntratt ta' impjieg" ifisser ftehim (barra minn servizz bhala membru ta' forza dixxiplinata hlief kif jista' jigi provdut f'dan l-Att jew tahtu), sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull ghamla li tkun, li bih persuna tintrabat li taghmel servizz lil jew tahdem ghal principal bil-hlas ta' paga u safejn ghandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet tal-impieg jinkludi ftehim in' apprendistat...*

Illi r-relazzjoni bejn l-esponenti u l-parte civile taqa' taht il-kriterji msemmija hawn fuq, jigifjeri li hija kienet qieghda toffri kuntratt ta' servizz a bazi ta' kuntratt ta'

xoghol bil-mitkub konkluz bejn iz-zewg partijiet kontendenti, li bih il-parte civile intrabtet li taghmel servizz lil jew tahdem ghal principal, l-appellant odjern b' hlas;

Illi l-Artikolu 5 (4) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi xejn ma ghandu jkun ta' pregudizzju ghal xi drittijiet li z-zewg partijiet jistghu jkollhom mill-imsemmi kuntratt ta' servizz skont id-disposizzjonijiet tat-Titolu II tal-istess l-Att jew ta' xi ligi ohra, inkluz il-Kodici Civili. Dan ifisser li l-Artikolu 5 (4) tal-Kapitolu 452 jipprevadi fuq kull ligi okra inkluzi l-Avviz Legali 60 tal-1977 (Legilazzjoni Sussidjarja 452.47), u cioe il-Wage Regulation Order li fuqu giet ibbazata d-decizjoni tal-Ewwel Qorti;

Illi l-imsemmi kuntratt ta' servizz ta' bejn 'Newark Junior School' u Ms Victoria sive Vivienne Meli jipprovdi termini u kondizzjonijiet inkluz illi l-perjodu tas-sena sko!astika koperta fil-kuntratt huwa rnill-ewwel (1) ta' Lulju, 2011, sa u inkluz it-30 ta' Gunju, 2012;

Illi b' kull rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 (4) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, li fuqha kienet ibbazata d-decizjoni taghha, kienet hazina u ghalhekk l-appellant qieghda tappella sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrevedi u tirrevoka d-decizjoni mehuda mill-Ewwel Qorti.

**Dwar it-Tieni Aggravju – illi l-Ewwel Qorti nterpretat hazin l-Ordni tal-Kunsill Tal-Pagi Ghall-Iskejjell Privati Li Jirregola L-Pagi, Legislazzjoni Sussidjarja 452.47 tal-Ligjijiet ta' Malta u sabet htija fl-esponenti.**

Illi l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha interpretat ir-Regolament 6 tal-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ghall-lskejjel Privati (L. S. 452.47) li jipprovdi kif gej:

6. (1) Ghalliema whole - time ikollhom dritt ghal vaganzi tas-soltu b' paga shiha, izda meta vaganza minn dawn tigi f'gurnata li fiha l-iskola normalment taghlaq huma ma jkollhomx dritt ghal gurnata ohra minflokha.

(2) Ghalliema whole – time jkollhom dritt ghall-vaganzi b' paga shiha nkluzi vaganzi ta' l-iskola ghall-MiIied, Karnival, l-Ghid u l-vaganzi tas-sajf mill-eghluq sal-ftuh mill-gdid ta' l-iskejjel.

Illi dwar dan, l-Ewwel Qorti sahqet li "l-vaganzi ta' ghalliem jissuperaw bil-bosta l-annual leave entitlement previst bir-Regolament 8 tar-Regolamenti dwar l-Orgnanizzazjoni tal-Hin tax-Xoghol (L. S. 452.87) u l-ebda employer ma jista' jezimi ruhhu mir-responsabbilitajiet u obbligi tieghu minhabba s-saram li ikun sab ruhu fih";

Illi l-appellanta tishaq li l-Ewwel Qorti fl-interpretazzjoni taghha injorat it-tieni subartikolu li jipprovdi li l-istess ghalliema whole-time jgawdu mid-dritt ghall-vaganzi w paga shiha nkluzi vaganzi tas-sajf, il-perjodu li qed jigi hawn ikkontestat f'dan l-appell, mill-eghluq sal-ftuh mill-gdid tal-iskejjel;

Illi dan il-punt sostanzjali kien diga gie ttrattat mill-appellanta permezz tan-Nota tas-Sottomissjonijiet fl-ismijiet prezentata fil-mori tal-kawza, fejn l-appellanta sostniet illi hu car li l-iskoia li l-esponenti kienet tiggestixxi qatt ma regghet infethet minnha. Dan gie ampjament ippruvat fil-kawza;

Illi kif stqarret l-appellanta l-argument li l-iskola regghet infethet minn terzi ma jorbotx lilha ghaliex hawn non si tratta ta' kumpannija imma l-esponenti kienet employer f'isimha proprio. Il-prosekuzzjoni ttentat torbot il-fatt li l-iskola zammet isimha biex tqieghed htija fuq l-esponenti;

Illi l-fatt li l-appellanta meta ndunat li qed titlef il-flus avvicinat lis-sinjura Rosanne Galea, sid tal-kumpanija edukattiva 'Future Focus', u gew ghall-ftehim illi l-appellanta kienet ser taghlaq l-iskola, u f'Ottubru segwenti kienet ser terga' tiftaha s-Sinjura Galea ma jqieghed l-ebda htija fuq l-appellanta. Dan gie spjegat lill-ghalliema fil-laqgha li saret waqt il-vaganzi tal-Ghid ta' dik is-sena, fejn l-appellanta avzat lill-impjegati taghha li s-sidien il-godda kienu ser jikkuntatjawhom;

Illi dawn il-fatti gew ikkonfermati rnill-impjegati stess, inkluzi is-Sinjura Charlene Micallef (K.I. 496988M). fix-xiehda taghha sqarret illi:

> *Niftakar li fil-laqgha kienet infurmatna li kien hemm xi hadd iehor li kien ser imexxi l-iskola.*
> *Konna ltqajna ma dawn il-persuni li kienu ser imexxu l-iskola, li kienu gew l-istess laqgha. Lorraine Camilleri kienet infurmatna li l-iskola kienet giet trasferita fuqhom. Dawn in-nies kienu qalulna li nistghu ninpjegaw ruhna maghhom...*

Illi fix-xiehda taghha, l-appellanta tikkonferma li:

> *Wara l-laqgha naf li huma kkuntatjaw lis-sidien l-godda, dan jiena nafu bhala fatt ghax qaluli l-parte civile stess.*

Illi ghalhekk l-appellanta ssostni li l-argument li l-iskola infethet minn terzi mhux talli ma jorbotx lilha, u l-fatt li l-appellanta sabet xoghol gdid ghall-impjegati taghha m' ghandux iqieghed htija fuq l-esponenti;

Illi minhabba r-raunijiet imsemmija hawn fuq, l-appellanta ssostni li ma jiskattawx id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 6 tal-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ghall-Iskejjel Privati (L.S. 452. 47), kwindi l-appellanta ma hija taht l-ebda obbligu li thallas ghall-perjodu kkontestat ta' bejn l-ewwel (1) ta' Lulju, 2012 u l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru, 2012. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata fid-decizjoni taghha.

**Dwar it-tielet Agravvju — illi l-Ewwel Qorti interpretat hazin l-Artikolu 22 (2) ta' Kapitolu 452 tal-Ligjiet ta' Malta meta sabet htija fl-esponenti.**

Illi l-esponenti giet akkuzata a tenur tal-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi kif gej:

*Mat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz il-pagi kollha li jkunu ghadhom ma thallsux u kull kumpens li ghandu jithallas lill-impjegat ghall-leave mhux mehud ghandhom jithallsu mad-data tal-jum tal-paga li tigi minnufih wara iffissata skont is-subartikolu (1) bhallikieku l-kuntratt ma ntemmx.*

Illi r-raguni primarja ghaliex dan il-kaz gie intavolat kien minhabba li l-parte civile ma rcevitx il-hlas ghal perjodu bejn Lulju 2012 u Settembru 2012 li skond l-istess parte civile huwa misthoqq lilha;

Illi jekk din l-Onorabbli Qorti tiddecidi li dan huwa minnhu, xorta ma jistax jigi applikat l-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex dan jirreferi ghal leave, u l-perjodu kkontestat huwa meqjus bhala vaganzi tas-sajf kif gie ikkonfermat mill-Ewwel Qorti stess meta din ibbazat id-decizjoni fuq ir-Regolament 6 tal-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ghall-Jskejjel Privati (L.S. 15247) li jipprovdi kif gej -

*6. (1) Ghalliema whole-time ikollhom dritt ghal vaganzi tas-soltu b' paga shiha, izda meta vaganza minn dawn tigi f'gurnata li fiha l-iskola normalment taghlaq huma ma jkollhomx dritt ghal gurnata ohra minflokha.*

*(2) Ghalliema whole-time jkollhom dritt ghall-vaganzi b' paga shiha nkluzi vaganzi ta' l-iskola ghall-Milied, Karnival, l-Ghid u l-vaganzi tas-sajf mill-eghluq sal-ftuh mill-gdid ta' l-iskejjel.*

Illi l-appellanta tishaq illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli f'dawn ic-cirkostanzi u ghalhekk d-decizjoni mehuda mill-Ewwel Qorti ma hijiex koretta.

**Dwar ir-Raba' Aggravju — illi l-Ewwel Qorti interpretat hazin, il-ligi dwar notice fil-kuntest ta' tmiem ta' impjieg u sabet htija fl-esponenti.**

Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti qalet li l-interpretazzjoni tal-espert tekniku tal-ligi applikabbli fissret li "jekk l-employer jaghti dak li qed jigi meqjus bhala notice lill-impjegat tieghu, liema notice l-impjegat jaghzel li jahdem, l-employer jigi ezonerat mill-kumplament tal-obbligi tieghu…";

Illi l-Ewwel Qorti lanqas ma qablet li l-ittra tal-10 t'April, 2012 kienet tammonta ghal notice u sostniet illi "ma kienet xejn ghajr pre-avviz li l-kuntratt mhux ser jiggedded fl-ahhar tas-sena skolastika u cioe'' meta jasal fi tmiemu fit-30 ta' Gunju, 2012";

Illi l-Ligi Maltija ma hijiex cara dwar x'jammonta ghal notice;

Illi l-appellanta tishaq illi hija agixxiet bir-responsabbilta imposta fuqha fil-kwalita taghha ta' Principal billi sejjhet laqgha sabiex hi tispjega s-sitwazzjoni kif kienet u sabiex taghti lill-parte civile u ohrajn, notice bil-miktub, ezebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok CMP I2. L-appellanta tghid illi n-notices kienu kollha inghataw l-istess;

Illi dwar dan referenza tista' issir ukoll ghax-xiehda tal-parte civile li kkonfermaw is-sehh u r-raguni ghalfejn saret il-laqgha hawn fuq imsemmija; inkluzi ix-xiehda tas-Sinjura Charlene Micallef fejn hija qalet kif gej:

> *…nikkonferma li fil-laqgha tal-vaganzi tal-Ghid kienet infurmatna li ma kienx hemm xoghol ghalina ghas-sena li jmiss.*
>
> *Jidhirli li r-raguni kienet li ma setghetx tkompli taffordja l-iskola.*

Illi a bazi tal-kariga taghhom, wiehed jista' jghid b' certezza illi l-parte civile involuti f'dan il-kaz ghandhom livelli ta' edukazzjoni li huwa bizzejjed sabiex jifmhu s-sens u r-raguni ghaliex l-appelianta kienet ghamlet din il-laqgha, kif gie hawn fuq ikkonfermat mix-xiehda imsemmija; u jifmhu wkoll s-sens tal-ittra moghtija lilhom u li din kienet tammonta ghall-avviz tat-temm tal-impjieg;

Illi ghalhekk l-appellanta isostni li hija ma setghetx taghmel iktar minn hekk sabiex tgharraf lill-impjegati taghha bic-cirkostanzi u r-riperkussjonijiet prezenti dak iz-zmien;

illi sabiex izzid mad-deci2joni taghha li l-ittra ma kinietx tammonta ghal avviz, l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-Artikolu 36 (12) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi kif gej:

> *Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta' servizz ghandu jhallas lill-principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem.*

Illi a bazi tal-Artikolu precedenti l-Ewwel Qorti qalet li "ma jaghmel ebda sens li jinghad li l-impjegat tpogga taht notice 11-10 t' April, 2012 biex konsegwentement gie ghamel aktar minn tmien gimghat fuq notice (sat-30 ta' Gunju, 2012), meta il-perjodi ta' avviz tat-temm ta' impjieg huma dawk stabbli bl-Artikolu 36 (5) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li japplika biss ghal kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limitu, fejn perjodu ta' notice ta' 8 gimghat hu t-terminu previst ghal minn kien ilu bejn erba' u seba' snin fl-impjieg indefinit":

Illi l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti tal-Artikolu 36 (12) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta kienet skorretta f'dan ir-rigward;

Illi l-appellanta tishaq illi fil-kwalita taghha ta' Principal hija agixxiet skond l-Artikolu 36 Kapitolu 452 li jirrigwardja avviz ta' u kumpens ghal temm ta' kuntratti ta' servizz, partikolarment is-sub artikolu (5) li jipprovdi t-tul ta' avviz ta' temm ta' impjieg skond iz-zrnien li l-impjegat ikun ilu fl-impjieg tal-istess principal kontinwament;

Illi kif gie spjegat hawn fuq fil-fatti ta' din il-kawza, l-esponenti tat avviz tat-temm tal-impjieg, liema temm kien intenzjonat ghall-ahhar ta' Gunju 2012 kontestwalment mat-tmiem tas-sena skolastika, f'April 2012 lis-Sinjura Marie Christine Schembri u ghalhekk it-terminu ta' hmistax skond l-Artikolu 36 (5) (d) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta kien ben osservat;

Illi l-Ewwel Qorti qalet li minhabba li l-impjegat ghamel "aktar minn tmien gimghat fuq notice" "ma jaghmel ebda sens li jinghad li l-impjegat tpogga taht notice." Izda dwar dan l-appellant isostni li l-fatt li hija mxiet ma' x'tirrikjedi il-Ligi billi avzat lill-impjegata taghha bis-sitwazzjoni odjerna, taghthom avviz tat-temm tal-impjieg bil-miktub fiz-zmien rikjest mill-Ligi, li nfurmat li ser ikun hemm persuni ohrajn li kienu ser ikomplu jmexxu l-iskola u li dawn kienu lesti jaghtuhom xoghol, juri biss att ta' responsabbilita u diligenza fil-kwalita ta' Principal li tat zrnien bizzejjed lill-istess impjegati sabiex jiehdu decizjoni dwar xoghlhom;

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija l-appellanta isostni li kwalunkwe dubju li jista'jkun hemm minhabba nuqqas ta' certezza legali ghandha tigi deciza a favur tal-akkuzata. Referenza ghal dan il-principju tista' issir fil-kaz Pulizija vs Lans John deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Frar, 2002 fejn intqal kif gej:

> *Illi fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat.*

Illi dan rega gie ikkonfemat f'Pulizija vs Fayton Falzon quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Lulju, 2014 fejn intqal kif gej:

> *Bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghas-sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, "u jekk jezisti dak id-dubbj, dan imur favur l-akkuzat, (Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena (App. Krim. (Superjuri) 5/12/2012; u Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, (App. Krim. (Superjuri) 5/7/2002)*

Ikkunsidrat,

Illi jibda biex jinghad illi l-fatti ta' dan il-kaz ma humiex imqieghda in kontestazzjoni mill-ko-litigandi, bl-appellanti li kienet is-sid ta' skola bl-isem Newark gewwa tas-Sliema issib ruhha f'diffikultajiet finanzjarji tant illi fi tmiem is-sena skolastika 2011-2012, tigi kostretta taghlaq l-iskola bl-ghalliema jispiccaw konsegwenzjalment jitilfu il-post tax-xoghol taghhom. Illi f'April 2012 l-appellanti tlaqqa' lill-ghalliema fejn tgharrafhom b'dan u ukoll tghaddielhom ittra datata 10 ta' April 2012 fejn huma jigu infurmati illi l-kuntratt ta'l-impjieg taghhom ma kienx ser jiggedded mat-terminazzjoni tieghu fit-30 ta' Gunju 2012 billi hija ma kenitx ser tibqa' sid l-iskola. Dan il-jum inzerta li jaqa' fl-istess jum meta intemmet is-sena skolastika 2011-2012. L-ghalliema, wara li taghlaq l-iskola, ifittxu lill-appellanti ghal hlas li dehrilhom li kien dovut lilhom ghax-xhur tas-sajf tas-sena 2012 u ghal *weekly allowance* li ma giex lilhom imhallas bejn April u Gunju ta' dik l-istess sena.

Issa l-appellanti issib oggezzjoni ghal fatt illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi u tal-fatti billi fl-ewwel lok malament qieset illi l-ittra tal-10 ta' April 2012, ma kenitx tikkostitiwixxi 'l hekk imsejjah *notice* skont il-ligi u ukoll illi tat interpretazzjoni hazina tat-terminu "vaganzi" kif imfisser fil-Legislazzjoni Sussudjarja 452.47 bhala ekwivalenti ghal "leave" li huma intitolati ghalih kwalunkwe impjegat skont il-ligi.

Illi l-appellanti qed tiffaccja dawn il-proceduri penali billi hija naqqset milli thallas lill-ghalliema, impjegati taghha il-paga ghax-xhur tas-sajf bejn l-01 ta' Lulju 2012 u l-21 ta' Settembru 2012, kif ukoll li thallas il-*weekly allowance* dovut ghal perijodu bejn l-01 ta' April 2012 u it-30 ta' Gunju 2012, bl-appellanti madanakollu jidher illi tikkontesta biss il-hlas tal-paga ghax-xhur tas-sajf billi l-aggravvji minnha imqanqla kollha iduru dwar dina l-vertenza u mhux ukoll il-hlas tal-*weekly allowance*. Illi kontestwalment ma' dan l-appell, fil-fatt hemm tlett appelli ohra li kollha jittrattaw l-istess mertu tant illi s-sentenzi moghtija mill-Ewwel Qorti f'dawn il-kawzi huma kollha identici, bil-perit legali u id-difensuri tal-ko-litigandi ukoll jitrattaw il-kawzi

taht kappell wiehed, u dan fil-fehma ta' din il-Qorti b'mod erronju. Dan ghaliex il-fattispecje ta' kull kaz huma xi ftit differenti minn xulxin bil-kuntratt ta'l-impjieg ghal kull wahda mill-ghalliema ikopri perijodi ta' zmien ukoll differenti.

Dan qed jigi rilevat mill-Qorti ghaliex fil-kaz in dizamina jidher illi l-appellanti iffirmat kuntratt ta' impjieg ghal terminu definit mal-impjegata taghha Vivienne Meli, l-parti leza f'din l-istanza, li jinsab esebit in atti u li ikopri is-sena skolastika 2011-2012 bil-klawsola 2(ii) tal-kuntratt jindika hekk:

**"the period of the scholastic year covered by this contract is from 1st July 2011 up to and including 30th June 2012."**

Kif diga inghad, l-parti leza qed tfittex lill-appellanti ghal hlas tal-vaganzi tas-sajf ghas-sena skolastika 2011-2012 u dan meta l-akkuza tindika illi kien hemm in-nuqqas ta' hlas ghal vaganzi tas-sajf dovuti ghall-perijodu ta' bejn l-01 ta' Lulju 2012 u il-21 ta' Settembru 2012.

Issa r-regolament 6(2) tal-legislazzjoni Sussidjarja 452.47 jipprovdi illi:

**"Ghalliema *whole time* jkollhom dritt ghall-vaganzi b'paga shiha nkluzi vaganzi ta'l-iskola ghal Milied, Karnival, l-Ghid u l-vaganzi tas-sajf, mill-eghluq sal-ftuh mill-gdid ta'l-iskejjel."**

Bl-obbligu fuq il-principal fit-termini ta'l-artikolu 22(2) tal- Kapitolu 452 illi:

**"Mat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz il-pagi kollha li jkunu ghadhom ma thallsux u kull kumpens li ghandu jithallas lill-impjegat ghall-*leave* mhux mehud ghandhom jithallsu mad-data tal-jum tal-paga li tigi minnufih wara iffissata skont is-sub-artikolu (1) bhallikieku l-kuntratt ma ntemmx."**

Issa ma huwiex ikkontestat illi t-tmiem tal-kuntratt ta' servizz sehh ezattament mal-eghluq tal-iskola ghas-sena skolastika 2011-2012.

Illi madanakollu mill-provi li hemm in atti f'dan il-kaz, kuntrarjament ghall-ghalliema l-ohra jidher mill-*employment history* esebiet mill-Prosekuzzjoni illi il-parti leza kienet ilha impjegata mal-appellanti fl-iskola Newark sa mis-27 ta' Settembru 2004. Dan qed jinghad fid-dawl ta' dak li jiddisponi ir-regolment 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81, regolamenti li ifittxu biex jeliminaw id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xoghol bejn haddiema li jahdmu fuq l-istess linja tax-xoghol. Illi din id-diskriminazzjoni ghandha tigi eliminata billi fost affarijiet ohra, haddiem li ikun ilu impjegat b'kuntratti ghal zmien fiss ghal perijodu ta' zmien li jeccedi l-erbgha snin ghandu jitqies li qieghed jahdem taht kuntratt ghal zmien indefinit bil-perijodu taz-zmien minn meta jibda il-kuntratt il-gdid jigi meqjus bhala l-ghada li jaghlaq il-perijodu ta' erba' snin.

**"Minghajr pregudizzju ghar-regolament 3(2), kuntratt ta' servizz ghal zmien fiss ghandu jinbidel f'kuntratt ta' servizz ghal zmien indefinit jekk:**
**(a) l-impjegat kien impjegat kontinwament b'kuntratt bhal dak ghal zmien fiss kif imsemmi, jew taht dak il-kuntratt mehud flimkien ma' kuntratt jew kuntratti ta' servizz precedenti ghal zmien fiss li jeccedi perjodu ta' impjieg kontinwu ghal aktar minn erba' snin."**

Illi allura fil-fehma ta' din il-Qorti il-parti leza, f'dan il-kaz ghandha titqies illi kienet impjegata mal-appellanti b'kuntratt ta' impjieg ghal zmien indefinit u dan sa mit-28 ta' Settembru 2008 ghalkemm il-kuntratt ta'l-impjieg iffirmat minnha kien jispecifika zmien fiss. Gjaldarba allura l-kuntratt il-gdid kellu ikollu il-bidu tas-sehh tieghu mit-28 ta' Settembru 2008, kwindi l-appellanti kienet fid-dmir li thallas lill-parti leza ghal vaganzi tas-sajf kif stabbilit fl-artikolu 22(2) tal-Att, billi ghal dik is-sena skolastika, li intemmet fit-30 ta' Gunju 2012, fl-istess jum meta intemm il-kuntratt ta'l-impjieg, ma jistax jigi meqjus illi din kienet irceviet il-hlas.

Illi kull ghalliem ghandu jedd ghal paga bhal kull impjegat iehor ghal kull jum illi huwa ikun fl-impjieg tieghu, ghalkemm il-hinijiet u il-granet tal-impjieg tal-ghalliema huwa kemmxejn differenti minn dak ta' haddiem kwalunkwe. Dan immaterjalment jekk f'jum partikoalri il-haddiem ikunx dahal ghax-xoghol jew inkella jekk ikunx qieghed bil-btala minhabba xi *leave* li jkun ha, jew ghax jkun ma jiflahx jew ghal xi raguni ohra li skont il-ligi huwa ghandu il-jedd ma jidholx fuq il-post tax-xoghol u dan dejjem bil-hlas. Issa il-ligi tistipula liema huma dawk il-granet fejn haddiem huwa intitolat ma jidholx ghax-xoghol, izda xortawahda jircevi il-hlas bil-ligi tirregola kemm ghandhom ikunu n-numru ta' granet li haddiem intitolat ghal *leave*, *leave* ghal mard, *leave* minhabba luttu, *maternity leave,* ecc. Issa fil-kaz tal-ghalliem, il-ligi ukoll tistipula liema huma dawk il-granet fejn l-ghalliem ma ikunx attenda l-iskola, izda xortawahda jibqa' intitolat ghal paga shiha, b'dawk il-granet allura jinkludu l-jiem fejn l-iskejjel ma jifthux u li jissarrfu fil-vaganzi tas-sajf, tal-Milied, tal-Ghid u tal-Karnival, oltre il-btajjel pubblici li jaqghu matul il-gimgha.

Dan ifisser illi matul iz-zmien tal-impjieg, kull ghalliem ghandu jircevi l-istess paga ghal kull sena skolastika u ma jistax jigi imcahhad mill-hlas ghal xi jiem meta l-iskola ma tkunx fethet minhabba fil-vaganzi, ikunu x'jkunu u isehhu meta isehhu.

Maghdud dan allura gjaldarba skont il-ligi il-kuntratt ta' impjieg ta'l-parti leza kellu jitqies bhala wiehed ghal zmien indefinit u dan sa mit-28 ta' Settembru 2008, in vista tal-fatt illi hija kienet ilha impjegata mal-appellanti sa mis-27 ta' Settembru 2004, u gjaldarba l-appellanti tat is-sensja lill-parti leza billi infurmatha illi l-kuntratt taghha kien ser jigi mitmum f'data partikolari u cioe' fit-30 ta' Gunju 2012, u <u>l-ahhar jum tal-eghluq ta'l-iskola</u> ghal vaganzi tas-sajf, kwindi l-hlas ghal dawk il-vaganzi kien dovut billi il-perijodu precedenti ghal ftuh tal-iskola u indikat fil-kuntratt ta' impjieg iffirmat bejn il-ko-litigandi ma kellux jitqies bhala inkluz fil-perijodu taz-zmien tal-kuntratt il-gdid li gie ikkrejat skont il-ligi sa mit-28 ta' Settembru 2008.

Illi kif inghad dwar il-hlas tal-*weekly allowance* dovut kif indikat fl-akkuza ma tirrizultax kontestazzjoni u kwindi d-decizjoni impunjata ser tigi ikkonfermata ukoll f'dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur